# BORD TA' ARBITRAĠĠ DWAR ARTIJIET

# MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Rikors Numru 33/2010/1**

**L-Avukat Mark Refalo (ID 193380M) għan-nom u fl-interess ta' Giovanni (40486A), Giorgio, Guglielmo (39053A) u Giuliana mart Gian Franco Ferretti, lkoll aħwa Canè**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet u, b'digriet tal-24 ta' Mejju 2017, l-atti ġew assunti mill-Awtorità tal-Artijiet, u kif ukoll b' digriet tad-9 ta' Ottubru 2019, il-Kummissarju ta' l-Artijiet gie sostitwit bil-kliem "Awtorità tal-Artijiet"**

**Illum, 16 ta' Settembru, 2020**

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2010, fejn ir-rikorrenti talbu s-segwenti:

*1. Premess Illi l-esponenti nomine huwa proprjetarju ta' numru ta' proprjetajiet is-Senglea ossia 107, Strada Sirena, Senglea; 108 Strada Sirena Senglea; 109 Strada Sirena Senglea; 110 Strada Sirena Senglea; 107 Senglea Wharf, Senglea; 108 Senglea Wharf, Senglea; 109 Senglea Wharf, Senglea.*

*2. U billi dawn il-proprjetajiet kienu djar u binjiet li gew distrutti fit-tieni Gwerra Dinija;*

*3. U billi ghalkemm l-genituri ta' l-esponenti, li kienu l-precedessuri fit-titlu taghhom, kienu applikaw ghal War Damage sabiex jergghu jikkostruwixxu l-istess binjiet huma qatt ma nghataw il-fakulta li jirrikostruwixxu l-istess u dana peress li l-Gvern ta' dak iz-zmien kien ipprojibixxa l-izvilupp billi zamm il-pussess temporanju tal-proprjeta;*

*4. U billi minn dak in-nhar l'hawn l-proprjeta in kwistjoni qatt ma giet zviluppata u thalliet taqa' kompletament sabiex illum il-gurnata tintuza biss bhala post tal-parkegg mill-girien ta' dina l-proprjeta;*

*5. U billi minkejja li l-amministrazzjonijiet varji ta' l-Istat qatt ma sabu xi uzu ghall-istess proprjeta, qatt ma giet rilaxatta lura lill-esponenti minkeja li talbu ghar-radd lura tal-proprjeta diversi drabi tul is-snin kollha, minflok tul is-snin il-Gvern biddel it-titlu tieghu b'liema kien izomm il-proprjeta sakemm fl-ahhar kien hadha b'titolu ta' "possession and use" u kien jithallas "Loss of Rent" ta' 689.49 direttament lill-esponenti nomine;*

*6. U billi ricentement l-esponenti kienu qeghdin jipproponu u sahansittra ssottomettew f'idejn l-Awtorita dwar I-Ippjanar proposta sabiex is-sit jigi zviluppat u reintegrat;*

*7. U billi minflok l-Awtoritajiet l-ewwel iddikjaraw li dina l-proprjeta hija "white area" u cioe proprjeta li hija zviluppabli biss restrittivament, u issa iktar ricentement il-Gvern iddecida jesproprja l-art in kwistjoni;*

*8. U billi l-art giet akkwistata b'titlu ta' xiri assolut permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President fl-Avvizz Nru 935 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Settembru 2010.*

*9. U billi in kwantu dina l-proprjeta qatt ma tmesset mill-Gvern jew xi Awtorita Pubblika ghal fuq mis-sittin sena li kienet f'idejn l-istess Gvern idher evidenti li ma hemm l-ebda utilita pubblika ghal dan l-esproprju*

*10. U billi l-esponenti ghalkemm ta' nisel Maltija, huwa residenti ordinarji fl- Italja u jigu Malta biss bhala villegatura u ghalhekk ma kenux konxji, u ma setghux ikunu konxji, ta' l-esproprju li sar;*

*11. U billi l-esponenti saru jafu b'dan l-esporprju meta wiehed minnhom, Giovanni Cane, kien Malta mill-4 ta' Dicembru sat-8 ta' Dicembru u sab ittra minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn gie infurmat li l-Art in kwistjoni kienet giet esproprjata, u ghalhekk inkariga lill-esponenti sabiex jiehu kull procedura appoziti sabiex jikkontesta dan l-esproprju;*

*12. U ghalhekk dan ir-rikors qed isir ai termini ta' l-Artiklu 6 tal-Kap 88 sabiex jigi kontestat l-utilita pubblika ta' l-esproprju;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja r-ragunijiet fuq esposti u dawk kollha li sejrin jirrizultaw tul it- trattazzjoni ta' dan ir-rikors tiddikjara li l-esporprjazzjoni fuq esposta ma saritx ghal skop pubbliku u ghalhekk tannulla u tirrevoka d-dikjarazzjoni tal-President fl-Avviz Nru 935 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Settembru 2010 u dan salv kul provvediment iehor li jidhrilha xieraq.*

Ra ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet ippreżentata fis-16 ta' Marzu 2011, fejn laqa' għal dak mitlub billi qal is-segwenti:

*Illi preliminarjament skont Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent seta' biss jikkontesta l-iskop pubbliku fi żmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mill- pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President.*

*Illi preliminarjament, l-ahhar pubblikazzjoni ta' Dikjarazzjoni tal-President fi-lkawza odjerma saret fit-13 ta' Settembru 2010 permezz ta' Avviż Numru 935.*

*Illi premilinarjament, minhabba s-suespost r-rikors tar-rikorrent sar ferm wara lgheluq tal-wiehed u ghoxrin (21) gurnata u ghalhekk huwa null.*

*Illi preliminarjament, skont l-ewwel proviżo tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 88 tal-Liğijiet ta' Malta, 'wara li l-awtorità kompetenti tkun akkwistat xi art ghall-pussess u użu jew b'dominju pubbliku il-bdil f 'dominju pubbliku jew fi proprjetà assoluta tat-titolu li fuqu dik l-art hija mizmuma ghandu dejjem jitqies li huwa akkwist ta' art mehtiega ghal skop pubbliku u li huwa fl-interess pubbliku."*

*Illi preliminarjament ir-rikorrenti seta' wara ghaxar snin jaghmel uzu mill-procedura stabbilita f Artikolu 19(1) ta' Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta minflokk jikkontesta l-iskop pubbliku sabiex jagevola ruhu mill-beneficeji moghtija fl-imsemmi artikolu.*

*Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghadhom ma provdux lill-esponent b'parir legali li permezz tieghu juru t-titolu taghhom fuq il-proprjeta' mertu ta' din il-kawża u dan kif indikat fl- Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi skont l-Artikolu 2 ta' Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta, "skop pubbliku" ifisser kull skop li ghandu x jaqsam ma l-uzu esklussiv tal-Gvern jew ma' l-użu pubbliku generali, jew ghandu x jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew ghall-ippjantar ta l-ibliet jew ma' jew ghar rikostruzzjoni jew ghaz-zjieda jl- impiegi jew ghat tkattir fit turizmu, jew ghall promozzjoni tal-kultura, jew ghall-preservazzjoni tal-identità nazzjonali u storika, jew ghall harsien ekonomiku tal-Istat jew kull skop li ghandu x'jaqsam mad-difita ta' Malta jew li ghandu x jaqsam ma' jew jiswa ghall-operazzjonijiet navali, militari jew ta' l-ajru; u jifisser ukoll kull skop iehor imsemmi bhala pubbliku minn xi ligi; u ghall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jigi eżercitat xi dritt taht din l-Ordinanza jkun konness mal utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat maghha ghal kull raguni marbuta mal provvista, hażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi ohra ta' energija, jew f konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilità jew servizz municipali jew progett infrastrutturali, ghandu jitqies bhala koness ma' jew ancillari ghall-interess pubbliku jew utilità."*

*Illi l-art mertu tal-kawza kienet taqa' taht is- Senglea Development Scheme for Siren Street ublic works 2066/52 u is-'central Step-way at Senglea Wharf public Works 3033/65*

*Illi premess is-suespost l-imsemmija proprjeta' kienet tifforma parti rikostruzzjoni u żvilupp tal-belt urbana ta' Senglea u ghalhekk ghandha skop pubbliku.*

*Illi anki jekk sahansittra l-art mertu tal-kawża ged tintuża bhala parkegg din id-destinazzjoni taqa' taht id-definizzjoni ta' skop pubbliku skont l-Artikolu 2 ta' Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta" Malta stante li din qed tintuża "ghall-użu pubbliku generali".*

*Illi m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-art mertu tal-kawza geghda tintuża bhala parkegg ghall girien biss tar-rikorrenti, se mai, l-art mertu tal-kawża qeghda hemm bhala open public space li sservi ukoll bhala 'Belvedere' u din id-destinazzjoni tal-art esproprijata tfisser li din l-art ma tinsabx abandunata hekk kif qed jsostni r-rikorrent.*

*Illi minhabba s-suespost l-esponenti qatt ma' seta' jaghti permess li r-rikorrenti jerghu jibnu mill-gdid I-proprjeta' tar-rikorrent li garbet il-Hsarat tal-Gwerra*

*Illi inoltre ghas-suespost kienu r-rikorrenti stess kienu talbu lill-esponenti sabiex dan je jirilaxxa l-art jew inkella sabiex jakkwista din l-istess art u l-esponent ghazel li jixtri din l istess art skont Artikolu 19 ta' Kapitolu 88 tal-Liğijiet ta' Malta.*

*Illi r-rikorrenti kellhom responsabbilita' li jqabbdu amministrattur iehor residenti fMalta ghall-proprjeta' lokali taghhom waqt li huma kienu assenti minn Malta u dan bhalma kienu fil-fatt ghazlu li jaghmlu qabel.*

*Illi l-esponent gharraf lir-rikorrenti bil-modi kollha rikjesti bil-Ligi inklużi dawk mehtiega minn Artikolu 6(3) u Artikolu 9(1) ta' Kapitolu 88 tal-Liğijiet ta' Malta , tant li l-informazzjoni hija meqjusa bhala wahda pubblika.*

*Illi r-rikorrent naqas milli jispecifika liema Awtoritajiet indikaw l-art mertu tal-kawża bhala "white area".*

*Illi jekk jirrizulta li l-esponent ddikjara l-proprjeta' bhala 'white area' u cioe li hija zviluppabbli biss restrittivament din tkompli ssosnti r-raguni il ghala l-esponent ma zviluppahiex jew sahansitra ghalfejn ma nghatax permess li r-rikorrent sabiex jizvilluppa din l-istess art.*

*Illi l-esponent qed joffri l-kumpens ta' tmienja u sittin elf disa' mija disgha u hamsa u erbghin centezmu (€68,949.45) permezz tal-Gazzetta tal-Gvern li ggib d-data 13 ta' Settembru 2010 ta' Avviż Numru 935 u dan jirrifletti l-loss of rent hekk kif ghandha tkun kapitalizzata u l-Kumpens ghall-akkwist b'titolu ta' xiri assolut skont ir-rekwiżiti ta Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi jekk jiriżulta li l-esponenti ddikjara l-proprjeta' bhala white area' u cioe li hija zviluppabbli biss restrittivament, fatt ikkonfermat ukoll mill-istess rikorrent fir-rikors promotorju tieghu, l-kumpens offrut mill-esponenti huwa se mai gust.*

*Illi skont Artikolu 22(8) ta' Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta la darba tohrog il-Gazetta tal- Gvern din il-proprjeta' tghaddi f'idejn l-esponent u bhala riżultat ta' dan l-esponent jiehu passi ghar-registrazzjoni ta' l-istess art.*

*Illi peress li b' Artikolu 22(8) ta' Kapitolu 88 tal-Liğijiet ta' Malta, l-esponent huwa sid il- proprjeta', l-esponent, ghandu dritt mhux biss ikun infurmat dwar talba ghal permess fuq proprjeta' akkwistata minnu izda ghandu fuq kollox id-dritt li jamministra l-proprjeta' tieghu hekk kif mehtieg fl-interess pubbliku.Illi inoltre peress li l-esponent huwa sid il-proprjeta' dan ghandu dritt jiddisponi mill-proprjeta' hekk kif mehtieg fl-interess pubbliku u dan Artikolu 19(6) ta' Kapitolu 88 tal- Ligijiet ta' Malta.*

*Illi meta tigi mehudha proprjeta' taht titolu ta' pussess u użu, public tenure jew xiri assolut, l-esponent mhux marbut li necessarjament jizviluppa l-proprjeta', izda huwa marbut biss li din il-proprjeta' hija mehtiega ghal skop pubbliku.*

*Illi l-esponent ghamel uzu tal-art mertu ta' din il-kawza bhala open public space li sservi ukoll bhala 'Belvedere' u mhux abbandunaha kif qed jsostni r-rikorrent.*

*Illi ghalhekk l-esponent m'hu qed jaghmel xejn żbaljat meta dan qieghed juża l-art mertu tal kawza bhala open public space u 'Belvedere' u dan l-użu jammonta ghal skop pubbliku.*

*Salv eccezjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt*

Ra illi fit-28 ta' Jannar 2016, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ddeċidiet vertenza Kostituzzjonali tar-rikorrent a favur tagħhom.

Ra illi fit-30 ta' Settembru 2016, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet l-appell tal-intimat, u dana billi annullat id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

Ra li dan il-Bord kif diversament ippresedut, iddeċieda din il-kawża fit-23 ta' Jannar 2019, fejn laqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u ddikjara r-rikors promotur null, stante li ġie pprezentat lil hinn mit-terminu mogħti a tenur tal-artikolu 6(2) tal-Kap 88.

Ra li minn din is-sentenza, sar appell quddiem il-Qorti tal-Appell, liema appell ġie deċiż fit-28 ta' Ġunju 2019, fejn l-istess Qorti laqgħet l-appell, ħassret u rrevokat is-sentenza mogħtija mill-Bord tal-Arbitraġġ fit-23 ta' Jannar 2019, u filwaqt li caħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-awtorità appellata, bagħtet l-atti lill-Bord sabiex ikomli s-smigħ fil-mertu.

Ra li din il-kawża ġiet assenjata lil dan il-Bord hekk kif ippresedut.

Sema' l-provi prodotti.

Sema' sottomissjonijiet.

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Ra l-atti tal-kawża, kif ukoll dawk tal-kawża fl-ismijiet, L-Avukat Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et, bin-numru 36/2011, meħuda quddiem il-Prim' Awla u l-Qorti Kostituzzjonali.

**Ikkunsidra**

Il-Bord għandu quddiemu talba sabiex jiddikjara li l-esproprjazzjoni esposta fir-rikors promotur, ma saritx għal skop pubbliku, u per konsegwenza, jannulla u jirrevoka d-dikjarazzjoni tal-President, fl-Avviż Nru. 935 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Settembru 2010.

Irriżulta li l-proprjetà mertu ta' din il-kawża, kienet konsistenti oriġinarjament, f'numru ta' djar li ġġarrfu matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Wara l-gwerra, nġabru l-flus tal-*War Damage,* u minkejja li l-bini adġjaċenti ġew rikostruwiti, dawn id-djar baqgħu ma reġgħux inbnew. Fis-sena 1943, is-sidien ta' dawn id-djar, bdew jitħallsu €689.49c fis-sena, rappreżentanti kumpens għal- *loss of rent.* Fl-14 ta' Jannar 1981, il-proprjetà ttieħdet mill-Gvern b'titolu ta' pussess u użu, u sussegwentement, fis-17 ta' Settembru 1993, ittieħdet taħt titolu ta' dominju pubbliku. Fit-13 ta' Settembru 2010, l-istess proprjetà ġiet akkwistata b'xiri assolut.

Għal din il-kawża, l-intimata eċċepiet li din il-kawża saret *fuori termine* peress li r-rikors sar ferm wara l-għeluq tal-21 ġurnata ravviżat fl-Artikolu 6(2) tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda ai termini tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2019, u l-kawża ntbagħtet lura lill-Bord sabiex ikompli is-smigħ fil-mertu.

Tressqet ukoll eċċezzjoni fis-sens li r-rikorrenti jistgħu dejjem jitolbu r-rimedju previst mill-Artikolu 19(1) tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda peress li kif tajjeb irrilevat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fid-deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2016, għalkemm huwa minnu li r-rikorrenti kellhom dan ir-rimedju, is-sitwazzjoni hija ormai waħda biss ta' rilevanza storika. Dana peress li l-Artikolu 19(1), m'għadux rilevanti għall-każ in eżami, stante d-Dikjarazzjoni Presidenzjali li permezz tal-istess, l-art għaddiet fil-proprjetà tal-Gvern.

Tressqet eċċezzjoni dwar prova tat-titolu tar-rikorrenti. Il-Bord iqies li f'dan il-każ, il-Gvern kien ilu jħallas *loss of rent* lir-rikorrenti mis-sena 1943 sas-sena 2010. Fit-trattazzjoni ta' dan il-każ, l-istess intimata ma għamlet l-ebda aċċenn għal din l-eċċezzjoni. Il-Bord, wara li ra l-atti, jqies li din l-eċċezzjoni hija waħda infondata peress li mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-ambjenti in kwistjoni.

Tressqet eċċezzjoni oħra fis-sens illi skont l-ewwel proviso tal-Artikolu 5 tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li l-awtorità kompetenti tkun akkwistat xi art għall-pussess u użu jew b'dominju pubbliku, il-bdil f'dominju pubbliku jew fi proprjetà assoluta tat-titolu li fuqu dik l-art hija miżmuma, għandu dejjem jitqies li huwa

akkwist ta' art meħtieġa għal skop pubbliku, u li huwa fl-interess pubbliku. Ġie għalhekk argumentat li l-iskop pubbliku, meta jkun hemm teħid b'dominju pubbliku, jissussisti ex lege. Madanakollu, kif ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2016, fil-kawża allegata ma' dawn l-atti, u ċioè dik fl-ismijiet L-Avukat Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et, jeżisti fil-liġi ordinarja rimedju effettiv, adegwat u aċċessibbli għal min bħar-rikorrenti, ikun irid jikkontesta l-element tal-iskop pubbliku fil-każ ta' espropriju, billi jadixxi lill-Bord sabiex jindirizza l-lanjanza tiegħu. In fatti, l-istess Qorti Kostituzzjonali kompliet tosserva li f'dan il-każ, jirriżulta li r-rikorrenti użaw dan ir-rimedju u ressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Bord (b'referenza għal dawn il-proċeduri odjerni). Ir-rikorrenti għandu din il-proċedura odjerna aċċessibbli għalih sabiex jiġi stabbilit jekk l-espropjru sarx għal skop pubbliku ommeno.

In vista tas-suespost, dak li sejjer jeżamina dan il-Bord f'dan l-istadju, huwa jekk ġiex ippruvat ommeno, li dawn l-ambjenti ttieħdu għal skop pubbliku jew le.

**Skop Pubbliku**

Il-kunċett ta' interess pubbliku ma jsib ebda definizzjoni, la fil-Konvenzjoni, u lanqas fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-istess Kostituzzjoni tissoġġetta d-dritt lill-Gvern għat-teħid obbligatorju ta' proprjetà, meta hemm disposizzjonijiet ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist. Il-Kap 88 (li abbażi tal-artikolu 6 tal-istess Kapitolu saret din il-kawża) jiddefinixxi "skop pubbliku", bħala "*dak li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu eskluziv tal-Gvern jew ma l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le) ..... u jfisser ukoll kull skop iehor imsemmi bhala pubbliku minn xi ligi.*"

L-Artikolu 3 tal-istess Ordinanza jagħti l-fakoltà lill-President ta' Malta, li jiddikjara illi art hija meħtieġa għal skop pubbliku. Tali dikjarazzjoni hija prova tan-natura pubblika tat-teħid billi skont l-Artikolu 6, ħadd ma jista' jitlob prova barranija. Maż-żmien u bl-iżvilupp ta' ġurisprudenza f'dan ir-rigward, din ir-riġidità fl-interpretazzjoni ta' x'jammonta għal skop pubbliku, issubiet kambjamenti, u l-Qrati bdew jeżaminaw jekk t-teħid forzuż ta' proprjetà taħt l-umbrella tal-liġi, kienx verament fl-interess pubbliku, jew jekk kienx riżultat ta' xi abbuż tal-awtoritajiet.

Interessanti ferm hu dak li ntqal fil-kawża deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru,1999 [LXXXIII-I-246], fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet, John Mousà et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et. Il-Qorti għamlet l-evaluwazzjoni tagħha, u enfasizzat id-distinzjoni bejn "l-iskop pubbliku" u "l-interess pubbliku". Qalet:

*"Interess pubbliku u skop pubbliku: Minn dan l-argument ir-rikorrenti jridu jaslu ghall-konkluzjoni li ma jistax jinghad "li l-fond in kwistjoni jrid jitqieghed biex jintuza ghal skop pubbliku minn terza persuna li hija self-employed". Ma rridux ninsew, izda li dak li tippermetti l-Konvenzjoni mhux li t-tehid ta'proprjeta` privata jsir "ghal skop pubbliku", izda li jsir "fl-interess pubbliku". Jekk ir-rikorrenti jridu jghidu li hemm principju assolut, li jghodd dejjem, li jghid li t-tehid ta' proprjeta` ma jkunx fl-interess pubbliku kull meta l-hsieb tal-Gvern ikun li l-proprjeta` mehuda jaghtiha lil private ohra, din il-Qorti ma taqbilx maghhom. Hekk qalet din il-Qorti (ippresjeduta minn Imhallef iehor), f'sentenza moghtija fil-25 ta' Lulju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet Vincent Borg versus Prim Ministru et: "Naturalment, din il-Qorti ma tistax teskludi li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun fl-interess pubbliku. Dan jista' jsehh f'kuntest tal-promozzjoni tal-gustizzja socjali, bhalma gie anke rikonoxxut mill-Qorti Ewropeja fil-kaz James vs U.K. (1986). Kull kaz irid jigi ezaminat u vvalutat fuq il-fattispecje partikolari tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar hi l-Qorti li, fil-kaz konkret, trid tkunsodisfatta li dak li qed isir jew li bi hsiebu jsir hu fl-interess pubbliku"; (Kollezz. pg. 258)…"Zewg koncetti li mhumiex ko-estensivi. Dan ghaliex l-iskop pubbliku hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, aktar wiesgha,marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-fond ikun qed jigi esproprijat, u mhux necessarjament limitat b'definizzjoni preciza. Filwaqt illi l-interess pubbliku kellu jirrizulta attwali u ben definit b'mod li jipprova li l-espropriazzjoni tkun mehtiega biex tiggova lill-komunita` anke jekk dan kien mehtieg li jsir a skapitu ta' l-interess privat. Hu ghalhekk illi l-eccezzjoni fl-artikolu 1 ghall-principju fondamentali li hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu, "ħlief fl-interess pubbliku" kien jimporta necessarjament ezercizzju ta' investigazzjoni bejn l-interssi tal-pubbliku in generali u l-interessi ta'persuna privata li tkun ser tigi mcahhda mid-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha, bhala eccezzjoni ghad-dritt fondamentali b'dak l-artikolu enuncjat…"*

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Cutajar noe vs Kummissarju tal-Art et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001, jingħad li:

*"Ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta' sptar privat, anke jekk immexxi fuq linji kummercjali, ghandha kontenut socjali qawwi inkwantu tali servizz ta' kura jifforma parti mill-infrastruttura ta' kura accessibbli*

*ghall-pubbliku in generali. Dan jakkwista aktar sinifikat f'cirkostanzi fejn l-Istat – kif hu pacifiku li sehh fiz-zmien rilevanti – jadotta politika li jiffavorixxi l-partecipazzjoni tal-privat biex jipprovdi facilitajiet ta' kura alternattivi ghal dawk ta' l-Isptarijiet pubblici. Ma kien hemm allura l-ebda dubbju illi l-fatt li kien ser jigi zviluppat Sptar privat kien fih innifsu zviluppta' interess pubbliku. b) Wisq anqas jista' jkun hemm dubbju illi l-holqien u l-kostruzzjoni ta' toroq li jipprovdu access ghall-pubbliku in generali minn post ghal iehor hu forsi il-manfestazzjoni l-aktar cara u qawwija ta' servizz moghti lill-pubbliku. Il-pubblicita' fl-uzu ta' toroq li jiggarantixxu access ilha minn zmien immemori, sa minn qabel l-Imperu Ruman, rikonoxxuta bhala wahda mill-funzjonijiet essenzjali ta' l-attivita' ta' l-Istat. Infatti, fil-fehma tal-Qorti, l-appellant ma setax isib raguni aktar dghajfa minn dik taht ezami biex jikkontesta l-operat ta' l-awtoritajiet kompetenti citati f'din l-istanza. c)Certament ma seta' jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq il-jedd ta' l-Istat li jipprovdi toroq ghall-access tal-pubbliku ghal kwalunkwe destinazzjoni, sew jekk hi wahda ta' indole pubblika, kif ukoll ta' indole privata, ghaliex dan kien propju l-mezz kif jassigura l-izvilupp ordinat tal-pajjiz…"*

Kif sewwa ġie ritenut mill-Qrati nostrana f'diversi insenjamenti tagħha, fosthom fis-sentenza "Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar et", deċiża fil-31 ta' Mejju 2005, … "*haga jew ghemil ma jitqiesx li sar fl-interess pubbliku jekk jaqdi l-interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini*".

Fil-kawża fl-ismijiet, Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Diċembru, 2001, il-Qorti aċċennat għas-segwenti prinċipji [liema prinċipji jkomplu jelaboraw l-insenjament ta' din il-Qorti f'ġjudikati oħra, fosthom fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet, "L-Onor. Perit Dominic Mintoff et – vs – Onor PrimMinistru et", deċiża fit-30 ta' April, 1996:

*a) Il-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jesproprja proprjetà ta' individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta' demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita'. Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-art. 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-art. 37, li jenuncja l-jedd fondamentali ta' l-individwu kontra t-tehid obligatorju tal-proprjeta' tieghu,"m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta' xiligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta'proprjeta'.............." Fl-istess vena l-*

*ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-istess dritt, jipprovdi lid-disposizzjonijiet f'dak l-artikolu "m'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura hlas ta' taxxi jewkontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

*b) Kellu jkun ukoll manifest illi d-dritt moghti lill-Istat li b'ligi les proprja l-proprjeta tal-privat, ma kienx u ma huwiex wiehed assolut u insindakabbli, izda kellu jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi litawtorizza l-esproprju, imma wkoll fl-osservanza shiha tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward l-operat ta' l-Istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji.*

*c) Id-dritt ta' l-esproprju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta' kullindividwu li jgawdi il-proprjeta' pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta' l-individwu kellu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanzatad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni, kellhom allura jigu applikati restrittivamentfis-sens li f'kaz ta' dubju dak id-dubju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan naturalment ma jfissirx li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta' azzjoni dan kellu jigi b'xi mod imnaqqas jew imxekkel b'xi processta' interpretazzjoni.*

*d) Una volta l-limitazzjoni kienet favur l-Istat, kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari taht ezami kienu jokkorru dawk l-elementi sinequa non mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta' l-individwu b'mizura, in forza ta' ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew l-uzu taghhom. Rikonoxxut lid-dritt ta' l-Istat li jesproprja jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, kien car illi dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kiennecessarju. Dan ghax kien fuq kollox obbligu primarju ta'l-Istat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' individwu,iwettaqhom u jharishom. L-Istat allura, ma kellux, blaraguni valida u gustifikattiva skond il-ligi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, bla bzonn ixekkel il-jedd ta' individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel fejn mehtieg,kellu mhux biss ikun proporzjonat, mal-htigijiet tal-kollettivita' imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha. Minn dan johrog il-principju bazilari li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta'ma jkunx gie konkjuz, u allura il-mizura setghet titqies f'dak l-istadju bhala wahda ta' tehid ta' pussess jew regolament ta' uzu ta' proprjeta', l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu, proprjetarju taghhom biex igawdihom appena ikun*

*jirrizulta li ma kienetx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikattiva li pprovokat l-azzjoni ta' l-Istat.*

Ta' min jinnota li fil-kawża fl-ismijiet, Salvatore Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u Artijiet u Kummissarju tal-Artijiet, il-Qorti Kostituzzjonali, fit-30 ta' Mejju 2003, ikkwotat s-sentenza tagħha [diversament komposta] tat-30 ta' Novembru, 2001, fl-ismijiet, Mario Cutajar noe. v. Il-Kummissarju tal-Art, et fejn kienet qalet:

*"Il-Qorti Ewropea fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest". Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic orother policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*

In forza ta' dan, ikkonfermat din il-parti tas-sentenza tal-Prim' Awla, fejn kienet qalet: "*Huwa fatt, pero`, illi ancorche` huwa veru dak li jallega r-rikorrenti li t-tehid ta' l-art tieghu saret biex takkomoda l-interessi ta' terz privat (u din il-Qorti tasal biex taccetta li almenu t-tehid sar ukoll fl-interess ta' dan it-terz),b'daqshekk mhux eskluz l-iskop pubbliku kontemplat fl-Artikolu 2 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li, kif inghad, ma jeskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi interess ta'terz; tant hu hekk li 'skop pubbliku' huwa definit, fostohrajn, bhala dak l-iskop "li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le)" u m'hemmx dubbju li 'Petrol Station' hija ghall-qadi tal-pubbliku.*"

Fil-kawża deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Ottubru 2003, fl-ismijiet Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet, ingħad: "*Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-istat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg....."* ....Kien l-istat li kellu jagħmel il-prova, mhux biss illi kien hemm

konkretament il-ħtieġa tal-użu tal-proprjetà fl-interess pubbliku jew fl-interess ġenerali, imma wkoll li dak il-bżonn, jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun għaddiet definittivament f'idejn l-istat bit-temm tal-proċeduri ta' esproprijazzjoni. Isegwi allura li l-interess pubbliku, kellu jibqa' jissussisti sadakinhar li jiġi ppubblikat dak il-kuntratt. Fil-fehma tal-Qorti, wara li l-appellant kien stabbilixxa li l-iskop li għalih kienet ser tiġi esproprijata l-art, – jiġifieri skop agrikolu –, ġie abbandunat, u ma kellux għalfejn jara jekk setax kien hemm xi dipartiment ieħor li ma kienx jidħol fil-viċenda li seta' kellu pjanijiet oħrajn.

F'Lapsi Estates Limited vs Kummissarju tal-Artijiet, Direttur tax-Xogħlijiet, Direttur Building and Engineering u Bonnici Brothers Limited, deċiża fl-20 ta' Mejju 2003, il-Prim' Awla investigat xi jfisser 'skop pubbliku'. F'dak il-każ, l-art kienet ġiet esproprjata sabiex jitkabbar parkeġġ u jkun hemm post għal sub-station. Il-Qorti kkonkludiet li tali esproprjazzjoni kienet saret għal skop pubbliku:

> *"Dwar l-iskop pubbliku ghat-tehid ta' l-art xehed il-Perit Ray Farrugia, Direttur fid-Dipartiment tal-Bini u Inginerija, u qal illi l-art hija mehtiega biex titkabbar arja ta' parkegg u biex ikun hemm post fejn jitqieghed sub-station ghad-distribuzzjoni ta' l-energija elettrika. Meta jitlesta dan il-progett, il-membri tal-pubbliku jkunu jistghu jinqdew ahjar. Fil-fehma tal-qorti din hija prova bizzejjed illi l-art hija mehtiega ghal skop pubbliku, u ghalhekk ir-raguni ghat-tehid ta' l-art hija wahda legittima."*

F'Vella Andrew et vs Kummissarju tal-Artijiet et, deċiża fit-23 ta' April 2010, il-Prim' Awla spjegat li l-interess huwa privat meta ma' għandux applikazzjoni għall-ġeneralità taċ-ċittadini:

> *"Biex jinholoq belvedere fl-interess generali hu certament progett fl-interess pubbliku u biex dan il-progett jibqa' effettiv u gawdut, ghandu, ghalhekk jitqies agir fl-interess pubbliku.*
> *Hu veru li, bil-progett, ir-residenti fit-triq li tmiss mal-belvedere sejrin, forsi, igawdu aktar minn kulhadd peressli d-djar taghhom se jkunu maghmra b'veduta sabiha,pero', dan ma jeskludix l-iskop pubbliku jekk jirrizulta interess generali fit-twettiq ta' dak il-progett. La darba millesproprijazzjoni se jgawdi l-poplu Malti u Ghawdxi kollu b'mod generali, l-iskop jibqa' wiehed accettat, avolja jista' jkun hemm xi individwi*

*li jistgħu jgawdu aktar mill-oħrajn mit-twettiq ta' l-istess proġett. It-teħid tal-art f'dan il-każ ma saritx biex takkomoda l-interessi purament personali ta' terzi privati, iżda bl-iskop li għandu x'jaqsam ma jew jiswa' għall-interess jew qadi tal-pubbliku. Inoltre, kif ingħad, l-iskop tal-esproprijazzjoni li saret fl-2008 kien biex jibqa' fis-seħħ l-iskop tal-esproprijazzjoni li saret fl-1991, u din l-aħħar esproprijazzjoni u l-iskop tiegħu qatt ma ġew kontestati....L-interess huwa privat meta m'għandux applikazzjoni għall-ġeneralita' taċ-ċittadini, ta' l-universalita' tal-pubbliku fl-istat. Fil-każ taħt l-eżami, l-esproprjazzjoni, anke bil-mod li saret u meta saret, manifestament kellha applikazzjoni ta' benefiċċju għall-kollettivita'."*

Id-deċiżjoni fl-ismijiet, Edwards Joseph John noe vs Kummissarju tal-Artijiet et noe, deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004, ukoll daħlet fid-dettal dwar l-interpretazzjoni ta' skop pubbliku:

*"Kif jidher mill-ittra tal-Kummissarju ta' l-Artijiet tat-23 ta' Novembru 1994 lir-rikorrenti, il-proprjetà kienet meħtieġa mill-gvern "for development/conversion into a Civic Centre".*
*Dwar x'inhu fl-interess pubbliku, il-gvern għandu diskrezzjoni wiesa', dak illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiettal-Bniedem ["il-Qorti Ewropea"] issejjaħlu "a wide margin of appreciation":*
*[The court] it finds it natural that, in an area as complex and difficult as that of the development of large cities, the Contracting States should enjoy a wide margin of appreciation in order to implement their town-planning policy.*
*Naturalment, il-kunċett ta' "large cities" huwa wieħed relattiv, u ma jfissirx illi huma biss l-awtoritajiet f'pajjiżi kbar li għandhom setgħat.*
*Il-qorti ma tindaħalx leġġerment biex tissostitwixxi l-kriterji tagħha għal dawk tal-gvern, u toqgħod fuq il-fehma ta' l-awtorità kompetenti ħlief meta jintwera illi tassew ma seta' kien hemm ebda interess pubbliku fit-teħid tal-proprjetà jew illi ma nżammx proporzjon xieraq bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ta' proprjetà. Dan ukoll kompliet tgħidu l-Qorti Ewropea fil-każ ta' Edoardo Palumbo versus L-Italja:*
*26. The Court reiterates that an interference under the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, must strike a "fair balance" between the demands of the general interest and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. There must be a reasonable relationship of proportionality between themeans employed and the aim pursued. In determining whether this requirement is met, the Court recognises that the*

*State enjoys a wide margin of appreciation with regard both to choosing the means of enforcement and to ascertaining whether the consequences of enforcement are justified in the general interest for the purpose of achieving the object of the law in question. In spheres such as housing, which plays a central role in the welfare and economic policies of modern societies, the Court will respect the legislature's judgment as to what is in the general interest unless that judgment is manifestly without reasonable foundation.*
*u wkoll fil-kaz ta' Pressos Compania Naviera S.A. et versus il-Belgju:*
*37. The Court recalls that the national authorities enjoy a certain margin of appreciation in determining what is "in the public interest" because under the Convention system it is for them to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken.*
*Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues on which opinion in a democratic society may reasonably differ widely. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation (see, mutatis mutandis, the James and Others v. the United Kingdom judgment of 21 February 1986, Series A no. 98-B, p. 32, para. 46), which is clearly not the case in this instance.*
*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-qorti hija tal-fehma illi t-twaqqif ta' centru civiku ma jistax ma jitqiesx fl-interess pubbliku."*

Fid-dawl tas-suespost, jidher li huwa llum aċċettat li t-tifsira ta' "skop pubbliku" li wieħed isib fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettività b'kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lill-persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku (Kost. 30.5.2003 fil-kawża fl-ismijiet Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Artijiet et (Kollez. Vol: LXXXVII.i.132), jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku (P.A. Kost. 25.7.1996 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Borg et vs Onor. Prim Ministru et (mhix pubblikata, imma kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15.10.2008).

Applikati dawn il-prinċipji, il-Bord huwa tal-fehma li ma rriżultax li l-art de quo, ġiet esproprjata fl-interess pubbliku.

Irriżulta li fir-rapport ta' Harrison and Hubbard tas-sena 1945 u l-pjanijiet annessi, kienet l-intenzjoni ta' dak iż-żmien li t-triq kollha titħalla bħala *open space,* iżda l-pjan qatt ma ġie attwat għaliex id-djar l-oħra, apparti dawk in kwistjoni tar-rikorrenti, reġgħu ġew mibnija. Mir-rapporti tal-Periti Stefan Scotto u Joseph Henry Spiteri, irriżulta li din l-art mertu tal-kawża, kienet taqa' taħt is-*Senglea Development Scheme for Siren Street* u c-*Central Step-Way at Senglea Wharf*. F'dawn ir-rapporti, hemm spjegat li din il-proprjetà kienet tifforma parti mill-progett għar-rikostruzzjoni u żvilupp tal-belt urbana ta' Senglea.

Irriżulta wkoll li dawn il-propjretajiet in kwistjoni, ġew inklużi fil-*Grand Harbour Local Plan* bħala spazju miftuħ, u b'mod partikolari GL 16, li tirreferi għall-*Admiral's House* sabiex "*to be used as a belvedere and to provide a pedestrian connection to the waterfront.*" Minkejja li l-post għadda fil-pussess tal-Gvern sebgħin sena ilu, u minkejja li s-sidien li kellhom bini ieħor fl-inħawi, ħadu l-*war damage compensation* u bnew fondi oħra, il-Gvern żamm milli dawn il-fondi, mertu ta' din il-kawża, jiġu rikostruwiti, u tħallew bħala spazju miftuħ. Madanakollu, ma sar xejn sal-lum biex jiġi attwat l-pjan tal-Gvern, ħlief li dawn l-ambjenti qed jintużaw għal skop privat, u ċioè dak ta' parkeġġ li kien qed jintuża min-nies li jgħixu fl-inħawi. L-ambjenti in kwistjoni baqgħu għalhekk, ma ġewx użati għall-iskop li, allegatament, kellhom jintużaw, in vista tal-inattività tal-Gvern.

Il-Prim' Awla, fil-kawża allegata ma' din il-kawża, fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 2016, qalet li ma għandha l-ebda diffikultà biex tgħid li l-post illum mhuwiex għal użu pubbliku:

"*Dan tghidu minghajr tlaqliq. Bl-ebda gbid tal-immaginazzjoni jista' jinghad li dan il-post qed jintuza bhala belvedere. Mhu xejn izjed u xejn inqas minn post ta' parkegg, zdingat u malandat (ara ritratti esebiti li ma jhallu l-ebda dubbju dwar dan) ghall-uzu tal-ftit nies li jabitaaw fl-inhawi. Jekk xi hadd jiddeciedi li jmur ghall-passeggjata fl-inhawi biex igawdi mill-veduta tal-Port il-Kbir dan ser ikollu jixxabbat mac-cint gholi, altru minn belveder.*"

Kompliet tgħid li:

*"Bhala punt ta' tluq, jinghad minnufih li fil-kaz odjern, l-iskop dikjarat fil-GLHP jitqies skop pubbliku u jikkonvalida l-esproprju. Dan l-iskop kif imfisser fil-GLHP hu li jkun 'available for public use to provide a vantage point and to provide a more direct connecton to the shore area.' (GL16). Anke l-kostruzzjoni ta' belvedere fih innifsu jaqa' fl-ambitu ta' skop pubbliku (ara ad ex Andrew Vella et v Kummissarju tal-Artijiet-Q.K. 30 ta' Settembru 2011).*

*Izda l-fatt jibqa' li dan il-belveder ma jezistix u dan minkejja li s-sit ilu f' idejn il-gvern ghall-sebghin (70) sena. Post ta' parkegg mhuwiex belvedere li jirrikjedi xi forma ta' kostruzzjoni, li f' dan il-kaz ma hemmx. Ukoll huwa car kristallin li l-post mhuwiex qed jintuza ghal u fl-interess tal-pubbliku, imma fl-interess tal-privat – dawk i-nies li jabitaw fil-vicin li jipparkeggjaw hemm. Il-mankanza assoluta tal-Gvern li jwettaq zvillup ghall-gid tal-pubbliku in gerneali jinnewtralizza l-iskop dikjarat fil-pjanijiet imsemmija. Fir-realta' il-GLHP ma jaghmel xejn ghajr li jallaccja ma' pjan tal-1945 li qatt ma gie attwat. …*

*Fi-dawl tal-premess il-Qorti ssib li ma giex ippruvat mill-intimati li l-esproprju in kwistjoni qed jimmira lejn interess pubbliku ….L-ezistenza ta' progett fih innifsu, minghajr l-anqas l-icken fumus ta' bidu ta' attwar tieghu, minkejja t-trapass ta' ghexieren ta' snin, mhuwiex wahdu sufficjenti biex jiggustifika l-lezjoni tad-drittijiet tas-sidien. Hawnhekk mhux biss hemm zbilanc bejn l-interess tal-privat u l-htigijiet generali tal-komunita' imma lanqas jidhru li dawk il-htigijiet generali tal-komunita imma lanqas jidhru li dawk il-htigijiet pubblici jezistu jew almenu huma wisq vagi"*

Irriżulta wkoll li s-sitwazzjoni għadha l-istess bħal ma kienet fiż-żmien li ngħatat is-sentenza fuq riferita mill-Prim' Awla, u dana hekk kif jirriżulta mill-affidavit ta' Guglielmo Canè, ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2019, u r-ritratti annessi mal-istess affidavit.

Illi minn evalwazzjoni tal-atti tal-kawża u tal-kawża allegata, il-Bord ma jasalx għall-fehma li fiż-żmien li nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-President fl-avviż nru. 935 fil-

Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Settembru 2010, l-għan li għalih ittieħdet l-art, kien wieħed li jilħaq il-kriterji hawn fuq imsemmija ta' skop pubbliku.

Għaldaqstant, il-Bord qiegħed jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-Awtorità tal-Artijiet, salv l-ewwel eċċezzjoni (li ġja ngħatat sentenza dwarha fejn ġiet ukoll miċħuda mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2019) u jilqa' t-talba tar-rikorrenti, fis-sens illi qed jiddikjara li l-esproprjazzjoni in kwsitjoni, ma saritx għal skop pubbliku, u qed per konsegwenza, jannulla u jirrevoka d-dikjarazzjoni tal-President, fl-Avviz Nru. 935 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Settembru 2010.

L-ispejjeż relatati ma' din il-kawża, għandhom jiġu sopportati fl-intier tagħhom mill-intimata.

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur